MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2349/2003

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Roberto Debono sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Roberto Debono**

**vs**
**Nevise Mercieca**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u tmienja u hamsin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1158.22) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomibilistiku tad-9 ta' Gunju, 2003 f'Hal-Luqa, bejn il-vettura bin-numru NEV-911 misjuqa mill-konvenuta, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ROB-969 misjuqa minn u proprjeta` tal-assikurat tas-socjeta` attrici Roberto Debono, liema vettura kienet assikurata taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni**

**kkagunati fuq il-vettura tal-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.**
**L-ammont mitlub jinkludi hamsin lira (Lm50) « excess » imhallsa mill-attur Roberto Debono, li kien assikurat taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Ottubru, 2003 kontra l-konvenuta, u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenuta, u bl-imghaxijiet legali mit-22 ta’ Ottubru, 2003 sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fil-5 ta’ Dicembru, 2003 fejn intqal illi:**
**L-esponenti tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-atturi, u kontenuti fl-avviz tat-talba fit-Tribunal ghal-Talbiet Zghar, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ROB-969, ossija Roberto Debono, kawza ta’ mprudenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu ;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni.**

**Sema’ x-xhieda ta’ Roberto Debono, Nevise Mercieca u Carmelo Ellul. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fid-9 ta’ Gunju, 2003 f’Hal Luqa bejn il-vettura ROB 969 misjuqa mill-attur u l-vettura NEV 911 misjuqa mill-konvenuta.**
**2. Jirrizulta illi z-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni cioe’ kienu sejrin mid-direzzjoni ta’ Hal Luqa sejrin fid-direzzjoni ta’ Hal Qormi. Il-konvenuta**

**kienet qabzet ir-roundabout, waslet ezatt biex taqbez it-traffic island li tinstab hdejn ir-roundabout meta din ghamlet manuvra biex tintenta tikser id-double white line u taghmel *u-turn.* Fil-hin li hi kienet hekk angolata hi tghid li waqfet u harset u ma rat xejn gej. Il-passiggier li kien mal-konvenuta, Carmelo Ellul ighid illi malli waqfet semghu brake kbir u jghid ukoll illi l-indicator kienet xeghelitu qabel it-traffic island.**

**3. L-attur li kien qed isuq ukoll fil-karreggjata ta' barra kien qed jara lill-konvenuta miexja quddiemu, u meta din kienet distanza ta' karozza jew karozza u nofs il-boghod minnu ttantat taqbez id-double white line. L-attur zamm brake, kienet ix-xita u skidja u laqat lill-konvenuta fuq il-fanal ta' wara. L-attur jispjega li lill-konvenuta ma rahhiex wieqfa u lanqas ma ralha brake lights, u meta sehh l-impatt kienet skorriet id-double white line.**

**4. It-Tribunal meta qies ix-xhieda mismugha kkunsidra illi l-attur ghalkemm kien qed izomm distanza ragonevoli mill-konvenuta, u ma kienx ghaddej b'xi velocita' partikolari, ma setghax jipprevedi illi l-konvenuta kienet ser tipprova taqbez id-double white line biex taghmel *u-turn.* Pero' gialadarba l-konvenuta waqfet ghal kwualunkwe raguni l-attur kien dejjem fl-obbligu illi jara u jassigura ruhu illi jista' jwaqqaf fil-hin.**

**5. Il-fatt li l-konvenuta kellha l-indicator mixghul ma jista' jighata l-ebda piz biex jitfa' responsabilita' fuq l-attur, in kwantu dak li hu double white line qisu hajt u wiehed ma jista' qatt jissoponi jew jipprevedi illi persuna ser taghmel manuvra tant azzardata. Mill-att l-iehor jekk hu minnu dak li xehed Carmelo Ellul illi l-konvenuta xeghlet l-indicator qabel ma waslet ghat-traffic island, dan se mai jigi nterpretat li kellha l-intenzjoni li ser iddur mar-roundabout, anke jekk f'tali kaz tali senjalazzjoni ma kienetx « timeous » kif jipprevedu r-regolamenti. Ma hemmx dubbju illi l-manuvra tal-konvenuta kienet manvura ferm negligenti li tintralca b'mod qawwi t-traffiku illi gej minn warajha.**

**6. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal it-Tribunal qed jatribwixxi tlett kwarti tar-responsabbilta' ta' l-**

**incident lill-konvenuta u kwart tar-responsabbilta' lill-attur.**

**7. Dwar id-danni dawna jirrizultaw pruvati mid-dokumenti esebiti u konsegwentement il-konvenuta ghandha thallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija tmienja u sittin lira u sitta u sittin centezmu (LIm868.66).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jiddikkjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident fi grad ta' tlett kwarti u konsegwentement jikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma tmien mija u tmintax-il lira u sitta u sittin centezmu (Lm818.16) u lill-attur Roberto Debono s-somma ta' hamsin lira (Lm50). Bl-imghax legali dekorribbli millum, salv hu impregudikat id-drittijiet tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenuta u kwart mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------